# QORTI CIVILI (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

### Illum, l-Erbgha, 8 ta' Mejju, 2019

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 39/19TA**

**AB – ID XXXXXX (M)**

**vs**

**CD – ID XXXXXX (M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AB tat-22 ta' Frar 2019.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Frar 2019.

Rat ir-risposta ta' CD tal-11 ta' April 2019.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Semghet lill-abbli difensuri jittrattaw ir-rikors fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2019.

Rat li r-rikors thalla ghal *digriet in camera*.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrenti qeghdha titlob il-hrug ta' mandat ta' inbizzjoni kontra l-intimat sabiex jinzamm milli jaghmel il-hwejjeg mitluba in kwantu jirrigwarda l-mobbli deskritt fil-mandat. Dan qed jintalab inkawtela ta' pretensjonijiet tar-rikorenti rigward manteniment ta' minuri li ghaliha l-intimat qatt ma jidher li ssoministra ghal dawn l-ahhar sittax-il sena.

L-intimat wiegeb fil-mertu ghall-pretensjonijiet li qed tipprova tikkawtela r-rikorrenti, fost ohrajn il-preskrizzjoni u li minn meta twieldet il-minuri, l-intimat qatt ma ra jew inghata access ghall-minuri. Tajjeb li jkun innotat, li l-intimat ma qalx jekk qattx prova jitlob lill-Qrati rimedju biex jara lil jew jaccedi ghall-imsemmija minuri.

Jibda biex jinghad li dan huwa mandat li qed jintalab abbazi tal-artikolu 874(1) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:

*"Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbigħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat*

*ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu."*

Il-Qorti kkunsidrat li ai fini ta' dawn il-proceduri, din il-Qorti ma hiex adita biex tidhol fil-mertu tas-sustanza tal-pretensjonijiet u difiza tal-partijiet. Kif dejjem irritjenew konstantament dawn il-Qrati, dan huwa ezami riservat ghal dik il-Qorti li trid tidhol fil-fond tal-ezami tal-kwistjonijiet legali sollevati mill-intimat fir-risposta tieghu. Izda tajjeb li jinghad li skont l-srtikolu fuq citat dawn il-Qrati jghallmu li:

*"ghalkem huwa minnu li dan l-element huwa mehtieg bhal fil-kaz ta' mandate ta' inibizzjoni iehor, madankollu, ma jistax jinghad li l-kriterji huma l-istess. Dan jinghad, ghall-finijiet tal-artiklu 874 tal-kodici tal-Procedura Civili, il-kejl wahdieni huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-hrug ta' Mandat bhal dak taqbizx l-ammont ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u tmenin centezmu (E11,646.86). Jekk taqbez dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'ghajn tar-rikorrent biex jinhareg il-mandat mitlub."* (**ara Maniscalco et -vs- A.X.T Properties Limted tal-4 ta' Awwissu 2015 ).**

L-anqas ma irrisulta li jipposjedi assi ohra li fix-xorta taghhom li fl-eventwalita` ta' ezitu favorevoli ghar-rikorrenti f'sede ohra ta' dawn il-Qrati. Fid-**Digriet fl-Atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 340/2019 AF fl-ismijiet**

**LIDL Immobiliare Malta Ltd -vs- Qamar u Xemx Limited tat-3 ta' April 2019** f'dan ir-rigward il-Qorti qalet hekk:

*"Il-Qorti temfasizza illi fi procedura ta' din ix-xorta hija prekluza milli tindaga oltre' mill-kwantum tal-pretensjoni, li f'dan il-kaz teccedi c-cifra li timponi l-ligi bhala minimu ghall-hrug tal-mandat mitlub. Inoltre il-Qorti tinnota li ma jirrisultax li s-Socjeta' intimata tgawdi minn xi gid iehor li jista' talvolta jissodisfa l-kreditu jekk u meta dan jigi konfermat gudizzjarjament."*

Di piu', f'dan ix-xorta ta' mandat, il-Qrati taghna sahansitra jiddispensaw mill-element ta' pregudizzju irrimedjabbli. (Ara digriet fl-atti tal-**mandat numru 1578/2013/1 tal-4 ta' Novembru 2013 per Imhallef Joseph Zammit Mckeon fl-ismijiet Helen Borg pro et -vs- Anthony Pace pro et Prim Awla Qorti Civili**).

Huwa minnu ukoll, li dak li qed jintalab ai fini tal-minimu ta' ammont mehtieg mil-ligi ghal mandat ta' din ix-xorta, huwa mifrux fuq sittax-il sena. Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-preskrizzjoni imsemmija. Izda kif diga' gie rilevat aktar 'l fuq dwar din l-eccezzjoni, ma hux kompitu ta' din il-Qorti li tidhol fuq l-istat tal-ligi u Sentenzi fic-cirkostanzi tal-kaz, izda b'dana kollu minn komputazzjoni tal-ahhar hames snin ta' manteniment kif pretiz mir-rikorrenti, l-ammont xorta jeccedi c-cifra rikjesta mill-artiklu tal-ligi fuq imsemmi.

**Provvediment**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija, fil-waqt li qed tikkonferma d-digriet taghha tat-22 ta' Frar 2019, din il-Qorti qeghdha definittivament tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti kif maghmula fir-rikors taghha tat-22 ta' Frar 2019 u ghalhekk tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-imsemmi CD (K.I. XXXXXXM) sabiex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jitrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu kull proprjeta` u b'mod partikolari l-fond XXXXXXXXXXXXXXXX, l-Imqabba.

Din il-Qorti qed tordna sabiex ghall-effetti kollha tal-ligi dan id-digriet u mandat jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u kif ukoll lir-Registratur tal-Artijiet.

Spejjes tal-presenti procedura a` karigu tal-intimat.

**Moghti kameralment illum, 8 ta' Mejju, 2019.**

**Imhallef Toni Abela LL.D.**

**Deputat Registratur**